MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 423/2005

**Raymond Zahra (ID No. 49763 M)**

**vs**

**Alex Valenzia (ID No. 404662 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fit-22 ta’ Lulju 2005 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elfejn u disgha u sittin lira Maltija u sittin centezmu (Lm2,069.60) jew somma ohra verjuri rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur b’konsegwenza tal-incident illi sehh f’Ta Qali nhar il-Hadd, 28 ta’ Novembru,2004 meta l-attur intlaqat minn *‘model airplane’* adoperat mill-konvenut, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, nuqqas ta’ hila u diligenza u nuqqas t’osservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-eccipjenti mhuwiex responsabbli ghall-incident li sehh f'Ta' Qali nhar il-Hadd 28 ta' Novembru 2004.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess jinkombi lill-attur l-oneru li jipprova illi:
a. l-eccipjent huwa responsabbli ghall-incident *de quo* u ghad-danni allegatament sofferti minnu (*volenti non fit iniuria*);
b. id-danni allegatament sofferti minnu kienu attwalment u direttament naxxenti mill-incident li sehh f'Ta' Qali fit-28 ta' Novembru 2004;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Marzu 2007 fejn innominat lill-espert mediku Mr Joseph Briffa sabiex jezamina lill-attur u jiehu inkonsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u jirrelata dwar il-persentagg tad-debilita' o meno ta' l-attur.

Rat ir-rapport ta' l-istess espert mediku prezentat u mahluf fl-4 ta' Ottubru 2007.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident mhux tas-soltu illi gara f'Ta' Qali fit-28 ta' Novembru 2004 fejn l-attur gie milqut minn *'model airplane'* waqt illi dan ta' l-ahhar kien fil-fazi ta' l-inzul. Bid-daqqa l-attur intefa' ma' l-art u ttiehed l-isptar ghall-kura. Irrizulta illi kellu brix daqsxejn fondi fuq spallejh ta' cirka 7cm u barxa fuq sidru bejn l-4 u s-7

kustilja (ara xhieda Dr Chris Spiteri fol 26). Dawn il-feriti gew deskritti bhala hfief salv komplikazzjonijiet. L-attur pero' ha hmistax-il gurnata *sick leave* u qal li minhabba f'hekk ma setghax jibbenefika minn incentiv moghti mis-socjeta' li fiha jahdem Michael Debono Limited ghal min ma jiehux *sick leave* matul is-sena. Fuq dan il-punt l-attur ipprezenta prospett a fol 34 fejn ikkalkola d-danni fl-ammont ta' kwazi elfejn lira (Lm2,000) u t-telf ta' *overtime* ghal dawk il-gimghatejn ikkalkolahhom fl-ammont ta' Lm174.12. L-attur ikkonsulta lit-Tabib Mr Francis X Darmanin fejn dan ikkwantifika l-ammont ta' debilita' bir-rata ta' tnejn fil-mija (2%) (fol 41).

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-quantum tad-danni trid tiddeciedi dwar il-kwistjoni tar-responsabbilta' o meno tal-konvenut fl-akkadut u jistax jigi addebitat b'xi forma ta' negligenza jew traskuragni fl-operat tieghu. Fil-fatt l-avukat ta' l-attur argumenta illi jekk irrizulta nuqqas tal-bniedem, allura hemm irresponsabbilta' u atribwixxa dan ghal fatt li l-ajruplan tar barra mir-recint delineat ghat-titjir u quindi hemm traskuragni u negligenza da parti tal-konvenut illi kien qieghed jiggwida jew jippilota dan l-ajruplan.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut ma kienx ilu zmien wisq fil-*hobby* tat-titjir ta' ajruplani bir-*'remote control'*, pero' kien ghadda mit-testijiet kollha u kien ilu xi sitt xhur itajjar wahdu (fol 46). L-arjuplan li kien qed juza dakinhar kien tat-tip Boomerang (fol 20c) illi jinxtara *"almost ready to fly"* jew kif inhuwa komunament maghruf fil-mistier "ARF". Kien munit b'magna OS.40FT (fol 47) li hija magna ta' sahha medja (.40cu. in) komunament uzata fl-ajruplani *trainers* illi jiznu bejn wiehed u iehor tlett libri u nofs. Il-magna inkwistjoni hija wahda moderna u generalment tista' torbot fuqha u darba tkun issettjata tajba tista' taghtik

snin twal ta’ xoghol minghajr problemi ta’ xejn, izda bhal kull magna ohra anke dawk l-iktar sofistikati hija suxxettibbli ghal waqfien mhux previst. F’dan il-kaz jidher illi t-testijiet kollha ta’ qabel it-titjir saru. Irrizulta wkoll illi l-konvenut kien awtorizzat itajjar dak l-arjuplan b’dik il-frekwenza f’dak il-hin (fol 64). Saru t-testijiet ghal ‘*fuel mixture’* u ghat-*‘throttle response’* u dawna kienu kollha pozittivi u ma kien hemm xejn x’izomm illi l-konvenut itajjar l-ajruplan, u hekk sar (fol 47). Dakinhar jidher illi kien daqsxejn rih, mhux xi haga illi normalment ghandha taffettwa dan it-titjir, izda l-arjuplan tar u ghamel titjira normali. Gie biex jaghmel il-*landing* u l-konvenut ha postu f’nofs ir-*runway* kif ghandu jsir sabiex ikun jista’ jara sew l-ajruplan diehel sabiex jaffettwa l-*landing.* Il-konvenut beda l-procedura ta’ inzul, dawwar l-ajruplan u gabu linja mar-*runway* bil-magna *‘on idle’.* F’hin minnhom il-konvenut induna illi l-ajruplan kien ghadu l-boghod u kien ghalhekk necessarju li jtieh daqsxejn *‘throttle’* sabiex izid il-potenza tal-magna u b’hekk l-ajruplan ikun jista’ jaqbez dik id-distanza necessarja u jasal fuq ir-*runway* biex jaffettwa l-inzul. Kien proprju f’dak il-mument illi l-magna ta’ l-ajruplan waqfet hekk kif giet moghtija t-‘*throttle*’ (fol 70). Dak il-hin l-ajruplan kien m’gholi xi tlett sulari u l-konvenut ma kellux alternattiva hlief li jipprova jwassal l-ajruplan sar-*runway* bil-magna mitfija, sitwazzjoni li hija maghrufa bhala *‘dead stick landing’*. Gara pero’ illi l-konvenut ma wasalx sar-*runway* ghax meta l-ajruplan kien m’gholi sular tilef l-*airspeed* u waqa’ u sfortunatament gie fuq l-attur u laqtu fuq sidru. Il-Qorti hija konvinta illi f’dak il-mument zgur illi l-magna ta’ l-ajruplan kienet mitfija u d-daqqa li sofra l-attur kienet wahda *‘with a blunt object’*. F’dan l-istadju l-Qorti trid tara jekk il-konvenut mexiex skond l-arti u s-sengha f’sitwazzjoni *‘dead stick’* illi instab fiha.

Ikkunsidrat:

Bhalma diga’ nghad bil-magni moderni darba jkunu ssettjati tajjeb mhijiex xi haga komuni li tintefa ghal xejn b’xejn pero’ tista’ ssir, bhal per ezempju jekk tidhol xi fraka zghira fil-korburatur waqt li l-magna tkun qieghda f’idle, haga li go Ta’ Qali mdawwar kif inhi bit-trab anke b’dak imtajjar mill-Assocjazzjoni tal-Muturi vicin ir-*runway,* tista’

tieqaf il-magna u l-pilota jkun infaccat b'sitwazzjoni ta' emergenza. Normalment il-fatt illi tintefa l-magna fiha nnifisha m'hijiex xi haga kritika peress illi l-pilota jkollu f'idejh id-*'directional and altitude controls'* shah. Jekk il-pilota jkollu favur tieghu *altitude* jew *speed* allura jkun jista' jsarraf wiehed ghall-iehor u johrog minn sitwazzjoni kritika. Per ezempju jekk il-pilota jkollu favur tieghu l-gholi u tintefa l-magna allura huwa jkun jista' jsarraf l-gholi f'velocita' billi jpoggi l-ajruplan f'angolu ta' inzul, izomm dan l-angolu, jzid l-i*speed* waqt illi huwa niezel biex ikun jista' jaghmel *'a controlled landing'*. Jekk ikollu l-i*speed* u tintefa l-magna jkun jista' jsarraf l-*speed* fl-gholi halli jakkwista aktar distanza u jerga' johrog minn sitwazzjoni kritika, manuvra mwettqa b'success fl-incident illi kellna Malta xi sentejn ilu waqt '*air race'* meta pilota minnhom wara kollizzjoni ma' ajruplan iehor tilef il-*'propeller'* u sarraf il-velocita' li kellu fl-*'altitude'* biex seta' johrog mill-ajruplan u jinzel inkolumi bil-*'parachute'.*

Sfortunatament f'dan il-kaz il-konvenut la kellu l-gholi favur tieghu u lanqas ma kellu l-i*speed*. Il-magna waqfet f'sitwazzjoni ferm kritika ghall-ajruplan meta kien vicin l-art b'velocita' ridotta u l-boghod mir-*'runway'*. Veru illi sakemm kien ghadu '*in motion'* u kien hemm ir-rih kontra tieghu dana jista' jikkreja *'lift'* ghal certa distanza imma minghajr sahha ta' mutur l-ajruplan ma jkunx jista' jimxi l-quddiem u eventwalment ir-rezistenza tar-rih tirbah, l-arjuplan jitlef il-*'lift'* fil-gwienah, jidhol fi *'stall'*, jwaqqa' gwienah minnhom u jaqa' ma' l-art. Dak hu proprju illi gralu l-konvenut. Hija verament sfortuna illi l-ajruplan waqa' fuq l-attur pero' f'sitwazzjoni bhal dik il-konvenut ma seta' jaghmel xejn. Pilota jista' jkollu snin twal ta' esperjenza izda minghajr *'lift'* l-ebda ajruplan ma jista' jtir u fis-sitwazzjoni li sab ruhu l-ajruplan dak il-hin hadd ma kien sejjer isalvah.

L-avukat ta' l-attur argumenta illi l-fatt illi l-ajruplan kien qed itir barra r-recint allokat ghat-titjir juri certa traskuragni min naha tal-konvenut. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument.

Ikkunsidrat:

Illi darba l-ajruplan ikun fl-ajru dana jista' jmur fi kwalunkwe direzzjoni u jibqa' jtir sakemm ikollu *'fuel'* u taht il-kontroll tar-radio. Hija xi haga normali illi meta ajruplan ikun ser jipprepara ghall-inzul, jaghmel dak li maghruf bhala *"procedure turn"* billi jitwarrab xi ftit mir-recint allokat ghat-titjir biex ikun jista' jaghmel din il-prucedura ta' inzul ezatt fuq ir-*runway* allokat. L-art allokata lill-assocjazzjoni sabiex juzawha ghat-titjir tista' ma tkunx bizzejjed sabiex l-ajruplani jaffettwaw inzul waqt li jtiru fuq il-perimetru taghha stess u skond id-direzzjoni tar-rih wiehed ghandu jiehu pozizzjoni biex kemm jista' jkun, jaghmel inzul facli u *safe* kemm ghan-nies kif ukoll ghall-ajruplan. Pero' tali process bilfors jinkludi certa ammont ta' titjir 'l barra mir-recint u ghalhekk gustament l-assocjazzjoni tat-titjir ghamlet avvizi fuq in-nahha ta' barra tal-hajt tal-bordura tal-*'flying site'* illi tghid *"danger low flying aircraft"* (fol 47) fejn allura l-pubbliku huwa avzat illi qieghed f'post fejn jista' jkun ta' perikolu minn ajruplani jittajjru fil-baxx. Dan l-avviz issibu kullimkien kull fejn jittajru l-arjuplani anke mal-bordura tar-*runway* principali tal-pajjiz f'Hal Ghaxaq pero' b'daqshekk ma jfissirx illi l-pubbliku m'ghandux access ghall-ambjenti 'l barra mir-recint madwar l-ajruport pero' jridu joqghodu b'ghajnejhom miftuha ferm attenti ghall-ajruplani li jkunu fil-fazi ta' inzul jew tluq.

L-attur kien jaf li kien qieghed f'dik il-posizzjoni. Ipparkja l-karozza tieghu f'post accessibbli ghall-pubbliku fejn kien hemm ukoll karozzi ohra u nies ohra li jiffrekwentaw il-park ta' Ta' Qali, pero' kien mistenni li jzomm *'a proper lookout'* ghal xi emergenza li tista' tinqala'. Fortunatament dawn l-incidenti mhumiex komuni, anzi huma rari hafna u fortunatament f'dan il-kaz l-attur sofra biss ferita ta' natura hafifa illi ma kellhiex komplikazzjonijiet. Il-konsulenti mqabbda mill-attur u mill-Qorti waslu ghall-konkluzzjoni ta' persentagg ta' dizabilita' sforz '*scar'* illi l-incident halla fuq l-attur, liema '*scar'* kienet wahda estetika u ma kienetx taffettwa bl-ebda mod il-hajja lavorattiva jew familjari ta' l-attur. Pero' kif inghad mill-bidu nett biex il-konvenut ikun responsabbli ghad-danni jrid jigi ppruvat illi l-attur sofra hsara b'tort u bl-agir irresponsabbli ta' l-istess konvenut.

Ikkunsidrat:

Illi in succint, irrizulta mill-provi illi l-ewwelnett il-konvenut kien qed itajjar ajruplan addattat ghall-livell ta' taghrif li huwa kellu f'dak l-istadju tal-*hobby*.
(2) Saru t-testijiet kollha li normalment isiru qabel it-titjira ta' l-ajruplan li kienet wahda normali salv emergenza fil-fazi ta' inzul ghal liema emergenza l-konvenut ma kienx responsabbli.
(3) Fil-mument li ntfiet il-magna l-konvenut ma seta' jaghmel xejn biex isalva l-ajruplan u jwasslu sal-*runway* u ma kienx tort tal-konvenut illi l-ajruplan waqa' fejn waqa'. Kien kaz fortuwitu illi m'ghandhux ikun responsabbli ghalih il-konvenut li mexa bid-*"diligentia bonus pater familias"* fil-qadi tad-dmirijiet tieghu. Ghalhekk il-Qorti ma jidhirlhiex illi l-attur ipprova fi grad li trid il-ligi illi l-konvenut kellu tort u li gew ikkawzati danni tort ta' l-istess konvenut.

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Novembru 1995 fl-ismijiet <u>Joseph Rausi noe et vs John Muscat</u> il-Qorti filwaqt li kkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti li qalet li jekk ma jkollhiex il-konvincement morali bazat fuq il-preponderanza ta' probabilitajiet l-unika konkluzzjoni li tista' tasal ghaliha hija l-atturi naqsu li jippruvaw it-talbiet taghhom b'mod sodisfacenti u konvincenti u fuq l-iskorta tal-principju *"actors non probante*, *reus absolvitur"* it-talbiet kellhom jigu michuda (ara wkoll <u>Joseph Tonna vs Philip Azzopardi</u> Appell Inferjuri 12 ta' April 2007). Ghalhekk il-Qorti ma jidhirliex illi l-attur ipprova fi grad li trid il-ligi illi gratlu hsara tort ta' l-agir irresponsabbli tal-konvenut u ghalhekk mhux il-kaz illi l-Qorti tidhol fil-kwistjoni tal-quantum kif jippretendi l-attur.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur. Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------